MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 327/1992/1

**Alexander Mallia**

**vs**

**Lawrence Zammit**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fil-11 ta' Marzu, 1992, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi l-attur ikkonsennja kwantita ta' merkanzija lill-konvenut, li accettha, u ghalhekk kellu jhallas lill-attur is-somma ta' erbat elef, tlett mija, hamsa u erbghin liri Maltin disgha u sittin centezmu (Lm4345.69) u dan skond statements hawn annessi u mmarkati Dok 'A', Dok 'B' u Dok 'C';

Illi l-attur ghandu jaghti lill-konvenut l-ammont ta' hames mija sebgha u erbghin liri Maltin, u hames centezmi

(Lm547.05) prezz ta' merkanzija mibjugha lilu skond l-istess Dok 'C' u ghalhekk il-konvenut ghadu debitur ta' l-attur fis-somma ta’ tlett elef seba' mija tmienja u disghin liri Maltin, erbgha u sittin centezmu (Lrn3798.64);

Illi l-konvenut, mitlub biex ihallas anke ufficjalment, baqa' inadempjenti, minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Talab ghalhekk li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1) tikkundannah Ii jhallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef seba' mija tmienja u disghin liri Maltin, erbgha u sittin centezmu (Lm3798.64) rappresentanti l-ammont bilancjali dovut mill-konvenut lill-attur - kollox kif intqal hawn fuq u ghar-ragunijiet hawn premessi;

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut Ii hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni tieghu, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali Ii ggib id-data tas-17 ta' Gunju 1991 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-istess ittra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Lawrence Zammit, li in forza taghha huwa eccepixxa :

Illi l-eccipjenti m'ghandux ihallas l-ammont reklamat, Ii del resta huwa ezagerat, anke ghaliex ukoll l-eccipjenti ghandu jiehu minn ghand l-attur ammont ferm in eccess ta’ dak sostenut mill-istess attur fil-korp tac-citazzjoni;

Salvi eccezjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ April 1992, li permezz tieghu hatret lil John Bonnici bhala perit komputista bis-soliti fakultajiet;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Lulju 2000, li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu tal-perit komputista u issostitwietu b'Ian Crockford, bl-istess inkarigu;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Marzu 2001, li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu ta' Ian Crockford u issostitwietu b'John Bonnici, bl-istess inkarigu;

Rat ir-rapport tal-perit komputista John Bonnici mahluf minnu waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru, 2007;

Rat il-provi li tressqu id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi minkejja li akkordat lill-partijiet l-opportunita illi jipprezentaw Nota ta' l-Osservazzjonijiet il-partijiet naqsu milli jaghmlu dan fi zmien moghti lilhom;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti innutat illi l-avukat difensur tal-attur irremmettiet ruhha ghar-rapport tal-perit komputista.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur esebixxa kopja ta' fatturi illi skond l-attur ghadhom ma thallsux mill-konvenut Dokumenti AM1 sa AM30, kif ukoll hames skartafacci li fihom, skond l-attur min kien johrog jikkonsenja l-merkanzi kien izomm nota tal-hlasijiet (Dokumenti AM 31 sa AM34 u Dokument DG1). Minn din l-informazzjoni l-accountant tal-attur David Gauci silet dak li ghandu x'jaqsam man-negozju bejn il-partijiet u hareg Ledger Sheet bit-transazzjonijiet kollha tas-snin 1990 u 1991 dejjem skond id-dokumentazzjoni esebita. Dwar il-flus li l-attur jallega li ghandu jaghti lill-konvenut gew esebiti zewg fatturi Dok AM 45 u Dok AM 46 kif ukoll Dok AM 44, nota dwar Dok AM 45.

Illi jirrizulta mir-rendikont maghmul mill-accountant David Gauci illi l-ammont dovut lill-attur huwa akbar minn dak indikat fic-citazzjoni, izda peress li dan l-ammont ma giex inkluz fit-talbiet fic-citazzjoni il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta' dan l-ammont ulterjuri.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut esebixxa numru kbir ta' fatturi indikati bhala imhallsa u il-konvenut isostni li dawn kienu l-unici fatturi li irceva minghand l-attur. Il-konvenut esebixxa d-Dokument LZ 226, diary tas-sena 1987 li jikkontjeni lista tal-merkanzija ipprezzata, izda ma hemmx data ta' meta sar il-bejgh u esebixxa wkoll Dokument AM 47 LZ 97 li ma huma xejn ghajr kopja ittajpjata tal-lista f'Dok LZ 226.

Illi l-attur xehed illi ma kienx izomm ledger sheet proprju izda kien izomm kopja ta' l-invoices u jimmarkahom bhala imhallsa bil-kliem "Cash Sale". Sussegwentement l-attur xehed li kien qieghed jesebixxi erba' notebooks animo ritirandi immarkati Dok AM 31 sa AM 34 li jikkostitwixxu l-kotba tan-negozju.

Illi hu l-attur Hermann Mallia li kien shab mal-attur fin-negozju xehed illi lanqas mill-kotba tan-negozju ma jista jghid b'certezza li ma sarx bejgh fi Frar 1991, izda fuq domanda tal-perit komputista iccara illi d-Dokumenti AM 31 sa AM 34 kienu r-records li kien izomm meta kien jikkonsenja x-xoghol u mhux l-accounts tan-negozju.

Illi l-perit komputista kien konvint illi kienu jinzammu xi forma ta' konteggi.

Illi Hermann Mallia sussegwentement xehed hekk :
"Hija qalli li hu kien jahdem bhala sole trader u ma kienx obbligatorju izomm Balance Sheet."

Illi sussegwentement il-perit komputista ordna li jitla jixhed l-attur, izda dan baqa jixhed :
"Ahna bhala kotba tan-negozju kellna biss id-dokumenti gja esebiti li qed nikkonferma."

Illi l-konvenut ukoll ma ipprezenta l-ebda forma ta' konteggi u xehed illi l-invoices li kien esebixxa kienu l-unici dokumenti li kellu dwar in-negozju ma l-attur. Huwa xehed illi ma kienx izomm kotba, kien jghaddihom lill-accountant, izda l-accountant qatt ma tah konteggi.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut minkejja li jallega illi ghandu jiehu somma akbar milli jallega li ghandu jiehu l-attur ma ipprezenta l-ebda talba ghall-ammont allegatament dovut lilu mill-attur.

Ikkunsidrat :

Illi l-fatturi illi l-attur jallega li ma thallsux jirreferu kollha ghall-perjodu minn Mejju sa Gunju 1990 u minn Novembru sa Dicembru1990 meta l-attur, li kien inkarigat biex johrog dawn il-fatturi, kien imsiefer. Dwar dawn il-fatturi l-attur xehed hekk :
"Fil-perjodu Mejju sa Gunju 1990 kont izzewwigt u hija fl-assenza tieghi hareg l-invoices minghajr prezzijiet. Ghalkemm il-prezzijiet jidhru fuq l-invoices li ghadni kif esebejt, dawn ghadni ma dahhalthomx fl-originali ghax il-konvenut ghadu ma giex b'dawn l-invoices biex ihallashom…… Dwar l-invoices li ghadhom ma thallsux il-konvenut qatt ma avvicinani. Jien kont mort nitolbu jhallasni u hu innega li ghandu jaghtini".

Illi l-attur xehed ukoll hekk :
"Meta ma kontx inkun prezenti jien l-invoice kienet xorta tohrog mill-ewwel izda minghajr prezzijiet. … Kont intiegh kopja ta' l-invoice bla prezzijiet u naghmillu l-prezzijiet meta kien jigi biex ihallas. Jiena invoice bil-prezzijiet f'dawn il-kazi qatt ma baghattlu la ma giex ihallasni."

Illi l-attur xehed ukoll illi fil-kaz tal-invoices li hargu bla prezzijiet il-konvenut baqa' ma giex bihom u ghalhekk l-attur halla iz-zmien sa wara li spicca n-negozju mal-konvenut u beda jitlob lill-konvenut ihallsu, izda il-konvenut kien qallu li ma kellux x'jaghtiih.

Illi Hermann Mallia, bejn wiehed u iehor jikkolabora ix-xiehda ta' l-attur meta qal :
"Meta hija kien imsiefer … jien kont nikteb l-ogetti u kwantitajiet fuq l-invoice izda kont inhalli l-prezzijiet vojta ghax ma kontx inkun nafhom. Nispjega ruhi li kont innizzel il-consumer price izda mhux dejjem u dan biex nindika d-differenza ta' l-istess prodott ta' daqs differenti. Meta hija kien jigi lura kien idahhal il-prezzijiet hu."

Illi l-konvenut xehed illi qatt ma accetta invoices bil-prezzijiet mhux indikati izda dan l-argument kif jghid sew il-perit komputista ma tantx huwa konvincenti ghaliex il-konvenut kien tal-mistier u kien ikun jafhom il-prezzijiet u mhux l-ewwel darba li wara li jhallas fatturi kien jikkontesta l-prezzijiet u kienu isiru l-aggustamenti. Barra dan il-konvenut ikkontradixxa ruhu meta xehed illi hu ma jiftakarx jekk meta kien ikun imsiefer l-attur kienux johorgu fatturi bil-kolonna tal-prezz vojta biex timtela meta jirritorna l-attur.

Ikkunsidrat :

Illi dwar il-fatt illi l-konvenut jallega illi l-attur ghandu jaghtih xi flus l-attur xehed hekk :
Seduta numru 1 "Min-naha tieghi jien ghad ghandu naghti lill-konvenut ta' 6 roselli li jiswew LM36, 7 Snip Nappies li jiswew LM72.80, 19-il kaxxa gobon Cheddar li jiswew LM242.87 kif ukoll 20 kaxxa ohra ta' gobon cheddar li jiswew LM195.38 li b'kollox jammontaw ghal LM547.05."

Seduta numru 5 "Jiena gieli ordnajt lill-konvenut jixtrili xi affarijiet ghalija bhal xi nappies u gobon chedar kif jidhru f'satament DokC, gja esebiti, u fiz-zewg invoices u nota li qed nesebixxi u li qed jigu mmarkati Doks AM44-46. Barra chedar u nappies kien hemm ukoll sanitary towels. Ma niftakarx kienx hemm ukoll ross tal-marka Tilda. Jista' jkun li nghataw lil hija. Jista' jkun li kien hemm flokkijiet tac-cingi ukoll kif ukoll Flytex. Ma nafx kienx hemm ukoll basktijiet. ….. Nipprometti li niccekkja jekk kontx ghamiltx adjustamenti dwar dan….."

Seduta numru 6

“Rigward item 1 nghid li t-total kien LM195.38 kif jidher f’Dok. C tal-process u mhux LM200 u n-numru tal-kaxxi kienu 19 u mhux 20.
Dwar item 2 ghandi nghid li l-kaxxi kienu 19 u mhux 25 ghall-prezz ta’ LM242.87 u mhux LM250.
Dwar item 3 ghandu nikkonferma li veru konna rcevejnihom.
Dwar items 4 sa 9 jkolli nivverifika ma hija qabel ma nitkellem dwarhom. Nipprometti li naghmel din il-verifika.”

Illi l-attur rega xehed dwar dan u fis-seduta ta’ wara numru 7 xehed huh Herman Mallia :
“Dwar 1 u 2 veru li ghabbejnihom minghandu izda mhux fil-kwantita indikata izda kif jidhru fuq Dok C.
Dwar 4 kkont ghabbejt seba’ kaxxi u kont indikajthom fuq Dok C tal-process.
Dwar 5 u 6 ma ghandix idea taghhom. Setghu ftehmu bejniethom.
Dwar 7 qatt ma konna 160. Kull ma seta’ kellna kienu xi zewg tuzzani.
Dwar 8 qatt ma gibna minghand jew gabilna l-konvenut oggetti bhal dawn.
Dwar 9 ma nistax nghid jekk il-kwantita kienitx 10 jew 5.”

Illi l-konvenut xehed hekk :
Seduta 13 “Minhabba li kont nixtri bil-bulk u nakkwista prezzijiet kompetittivi, u fuq talba ta’ l-istess attur, kont nixtrihomlu jien stess bhal fil-kaz tal-gobon cheddar. Jien kont niggestixxi wkoll hanut tal-hwejjeg u minn dan bieghtlu oggetti bi prezz wholesale skont dokument li qed nesebixxi u qed jigi mmarkat Dok LZ 97 (l-istess bhal Dok AM 45). Rigward il-kaxxi tac-cheddar imsemmi f’Dok. LZ97 il-piz kien ivarja u jien uzajt l-average.”

Seduta numru 16 :
“Meta jien issupplixxejt merkanzija lill-attur bi prezzijiet baxxi kont qed naghmillu pjacir u ma kontx nohrog invoice ghax dan qatt ma ghamiltu. Jien kont nixtri bil-bulk bi prezzijiet favorevoli u tant kont navdahom li d-dokumentazzjoni tac-cheddar li xtrajt apporta ghalihom kont tahthomlhom. Ma kont nitlob lil hadd jiffirmali ghall-

merkanzija li tajthom. Jien kont inzomm nota ta' dan f'diary li ser nesebixxi animus ritirandi mmarkat LZ 226."

Seduta numru 23 :
"Meta kont nixtrilu x-xoghol kont intiegh l-istess fatturi li kienet tinhareg lili minghajr ma naghmel profit dawn qatt ma thallast taghhom u meta mort ghandu qalli li ma ……."

Ikkunsidrat :

Illi l-espert komputista mahtur mill-Qorti ikkunsidra illi huwa konvint illi z-zewg partijiet kienu izommu kotba tan-negozju u ghar-ragunijiet li jafuhom huma evitaw illi jesebuhom.

Illi dwar it-talba ta' l-attur l-espert komputista ikkonsidra illi l-fatturi kollha jappartjenu ghall-perjodu meta l-attur kien ikun imsiefer u inghatat xhieda li f'tali kundizzjonijiet kienet tohrog fattura minghajr prezzijiet minn hu l-attur u meta l-attur jirritorna Malta l-attur kien iddahhal il-prezzijiet fl-originali.

Illi fil-kaz tad-dokumenti AM 2 sa AM 14 li hargu f'Mejju u Gunju 1990 meta l-attur kien imsiefer, l-ammont illahhaq ghal elf disa mija u ghoxrin lira Maltin u ghaxar centezmi (LM1,920.10). L-original tal-fatturi ma gewx esebiti izda giet esebita fotokopja bil-prezzijiet imdahhlin bil-biro u dan jidher car li iddahhlu wara.

Illi ma inghatat l-ebda raguni la konvincenti u lanqas mhux konvincenti ghaliex ma sarx attentat sabiex issir arrangement biex il-konvenut ikun infurmat bil-prezzijiet u jintalab ihallas u dan minkejja li ghal xhur shah l-attur baqa' jissuplixxi merkanzija lill-konvenut u il-konvenut hallas kwazi regolarment l-fatturi ta' wara. L-attur xehed biss illi l-konvenut ma setghax ihallas peress li ma kienx hemm il-prezzijiet, izda qatt ma baghat ghall-konvenut jew mar ghandu biex jiftehmu dwar il-prezzijiet u lanqas ma qal lil huh, li kien iqassam il-merkanzija u jircievi l-hlas biex jigbed l-attenzjoni tal-konvenut li kien hemm numru ta' fatturi pendenti.

Illi anke meta l-partijiet ma baqghux jinnegozjaw bejniethom, l-attur dam xhur shah sabiex baghat statement lill-konvenut u mhux il-fatturi bil-prezzijiet ukoll mhux maqbula meta l-attur stess xehed li l-konvenut kien ihallas din it-tip ta' fattura u xi differenza fil-prezzijiet tigi irrangata wara. Dan mhuwiex agir normali ta' negozjant.

Illi minn naha l-ohra il-konvenut ma kienx konsistenti meta xehed sabiex jipprova jirribatti t-talba ta' l-attur. Il-konvenut l-ewwel xehed li qatt ma accetta fattura minghajr prezzijiet meta l-attur ma xehedx li kien jibghat tali fattura lill-konvenut. Fis-seduta ta' wara il-konvenut ikkondizzjona x-xiehda tieghu billi qal "ma niftakarx." Sussegwentement biddel il-linja tad-difiza tieghu billi qal li din il-merkanzija qatt ma waslet ghandu, izda meta gie konfrontat b'fattura li tindika dak iz-zmien Novembru u Dicembru 1990 u din il-fattura kienet tixhed illi l-konvenut kien irceva merkanzija ohra u hallas taghha il-konvenut evita li iwiegeb id-domanda ta' l-avukat ta' l-attur.

Illi meta l-attur kien qieghed jixhed in kontro-ezami dwar oggetti indikati fuq Dokument AM 47 l-attur ma kienx cert minnu innifsu u qal illi ma jiftakarx u jista jkun u ma jafx jekk kienx hemm u ipprometta li jivverifika, izda fis-seduta ta' wara ma deherx l-attur li kien ipprometta li kien ser jivverifika izda deher huh u ammetta illi l-konsenja ta' Rosella indikata bhala 100 kaxxa fuq Dokument AM 47 li gie muri kienu ircevewha u mhux "less 6". Dwar l-oggetti tal-lista numru 4 sa 9 rega intalab zmien biex issir verifika. Izda meta rega' xehed minkejja li kien ghadda z-zmien mhux hazin biex ikollu cans jivverifika, rega' ma kienx cert minnu innifsu u stqarr li kienu ircevew aktar oggetti, l-oggetti 7 u 9 fil-lista minn dawk indikati fic-citazzjoni minkejja l-fatt li ma kienx cert mill-kwantitajiet. Rigward l-oggetti numru 5 u 6 fil-lista minkejja li kellu kull opportunita sabiex jivverifika, l-attur xehed li huh u il-konvenut setghu ftehmu bejniethom.

Illi ghalhekk l-espert komputista ikkonkluda illi wara li kien ha konsiderazzjoni ta' dan kollu u wizen fuq li wizen ix-xhieda moghtija u l-andament ta' din ix-xhieda l-attur

ghandu jiehu is-somma ta’ elfejn erba’ mija hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM2,425.65) u l-konvenut ghandu jiehu is-somma ta’ elf seba mija  disgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (LM1,769.50) differenza ta’ sitt mija sitta u hamsin lira Maltin u hmistax il-centezmu (LM656.15) favur l-attur.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti peress illi taqbel mal-konkluzjoni illi ghaliha wasal l-espert komputista minnha mahtur qeghda taddotta l-imsemmija relazzjoni tieghu u taghmilha bhala taghha.

Illi l-Qorti tara illi f’dan il-kaz l-espert komputista kellu ragun meta applika l-principji tas-“set off” ai termini tal-Artikolu 1196 tal-Kodici Civili li jghid hekk :

“(1)Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpacija.
(2) It-tpacija ssir *ipso jure*, u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri.  Hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs.”

Illi peress illi f’dan il-kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1197 tal-Kodici Civili  peress illi huwa proprju kaz fejn jista isir “set off” bejn l-ammont dovut lill-attur u l-ammont dovut lill-konvenut.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut qeghda tilqa t-talba ta’  l-attur, izda limitatament ghas-somma ta’ elf hames mija tmiena u ghoxrin euro u tnejn u erbghin centezmu (€1,528.42), ekwivalenti ghas-somma ta’ sitt mija sitta u hamsin lira Maltin u hmistax il-centezmu (LM656.15) u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din is-somma lill-attur;

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------